



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2011/2149(INI)

12.10.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar strateġija ġdida għall-Politika tal-Konsumatur
(2011/2149(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Alfredo Pallone

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-konsumaturi huma inklużi fost il-benefiċjarji intenzjonati tal-politika għall-kompetizzjoni u tar-regolazzjoni tas-servizzi finanzjarji; jenfasizza l-bżonn li jitqiesu l-bżonnijiet partikolari tal-konsumaturi vulnerabbli; ifakkar li l-kriżi ekonomika ħolqot tbatija partikolari għall-konsumaturi;
2. Jilqa' approċċ strateġiku għall-protezzjoni tal-konsumatur, li jislet tagħlimiet mill-esperjenza miksuba fl-istrateġija 2007-2013; jenfasizza l-ħtieġa għal artikolazzjoni aħjar bejn il-politika tal-konsumatur u l-għanijiet soċjali u ambjentali fil-qafas tal-istrateġija Ewropea 2020;
3. Jappoġġa l-ħidma tal-Kummissjoni dwar l-ekonomiji ta' imġiba, peress li din hija essenzjali biex ikun żgurat li l-miżuri għall-protezzjoni tal-konsumatur ikunu effettivi fil-prattika;
4. Jinnota n-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-konsumaturi rigward il-funzjonament tas-servizzi finanzjarji, minħabba, fost affarijiet oħra, ta' pariri ħżiena u l-fatt li skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur, il-maġġoranza tal-konsumaturi ma jafux id-drittijiet tagħhom rigward is-servizzi finanzjarji u 98% minnhom ma jistgħux jagħżlu l-opzjoni ta' investment l-iktar adegwata, b'nefqa li stmata li tkun 0.4% tal-PDG tal-UE;
5. Jenfasizza li l-iżvelar ta' informazzjoni li hi kemm meħtieġa u ukoll importanti fis-setturi tas-servizzi finanzjarji għall-konsumaturi kollha, iżda jitlob għal strateġija li tirrikonoxxi li fiha nnifisha mhijiex biżżejjed biex tipprovi swieq kompetittivi li fihom il-konsumaturi jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet fl-aħjar interess tagħhom stess; jinnota li sabiex dan l-iżvelar isir aktar effiċjenti hu importanti li l-informazzjoni tiġi pprovduta fil-lingwi uffiċjali tal-UE u tar-reġjuni;
6. Jinnota, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' swieq trasparenti u affidabbli, ta' titjib ta' standards professjonali u evitar ta' kunflitti ta' interess fil-forniment ta' servizzi finanzjarji għall-konsumaturi, u r-rwol kruċjali tal-edukazzjoni finanzjarja;
7. Jitlob li, b'kunsiderazzjoni tan-natura, il-kumplessità u l-iskala tal-impatt tas-servizzi finanzjarji fuq il-konsumaturi, l-istrateġija taħseb għal leġiżlazzjoni ġdida li tkun speċifika għas-settur, aktar mill-ġbir flimkien tas-servizzi finanzjarji ma' setturi oħrajn, fejn il-ħtiġijiet u l-imġiba tal-konsumaturi huma differenti, u li jkun hemm livell ta' protezzjoni li jkun minn tal-inqas għoli daqs setturi oħrajn;
8. Jitlob lill-Kummissjoni taħdem għal karta Ewropea tad-drittijiet tal-konsumatur fil-qasam tas-servizzi finanzjarji li tirrifletti u tissemplifika d-drittijiet eżistenti u tinkorpora Prattiki tajbin mill-Istati Membri, li tikkjarifika r-responsabilitajiet tal-fornituri ta' servizzi finanzjarji u li tinkludi informazzjoni fil-ħin għall-konsumaturi u livell ta' protezzjoni tal-konsumatur għoli fis-setturi kollha ta' servizzi finanzjarji għall-konsumaturi;

9. Jenfasizza l-importanza ta' aċċess għal edukazzjoni finanzjarja u l-għoti ta' parir finanzjarju u jitlob għal regolamentazzjoni aħjar dwar il-pariri;
10. Jinnota li l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASEs) il-ġodda għandhom setgħat u responsabilitajiet ċari marbutin mal-protezzjoni tal-konsumaturi fis-servizzi finanzjarji u jistenna li jkun hemm strateġija li tirrifletti dan u li ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' protezzjoni tal-konsumatur tal-ASEs, li tislet mill-aħjar prattiki eżistenti tal-awtoritajiet nazzjonali u li tiżgura parteċipazzjoni adegwata mill-partijiet interessati, b'mod partikolari r-rappreżentanti tal-konsumatur;
11. Jenfasizza li biex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fis-settur tas-servizzi finanzjarji, jenħtieġ li tkun żgurata superviżjoni effettiva tal-istituzzjonijiet finanzjarji u trasparenza min-naħa tagħhom;
12. Jitlob rabtiet ċari bejn l-istrateġija u l-programm għall-politika ta' kompetizzjoni u għal azzjoni konġunta biex jinkiseb dan kollu, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw minn servizzi li huma aktar adatti għall-ħtiġijiet tagħhom u li jistgħu jiġu pprovduti fuq termini aħjar;
13. Jenfasizza l-importanza tal-evalwazzjoni tal-impatt ta' liberalizzazzjoni dwar is-sodisfazzjon tal-konsumatur u jitlob valutazzjoni dwar il-funzjonament tas-suq tal-enerġija f'dan ir-rigward;
14. Jitlob protezzjoni aktar qawwija tal-konsumaturi fi tranżazzjonijiet transkonfinali, b'mod partikolari għal prodotti u servizzi onlajn, u għal miżuri biex ikun żgurat li l-konsumaturi ma jiċċahdux mill-aċċess għal prodotti u servizzi onlajn għaliex ikunu jinstabu fi Stat Membru differenti;
15. Jenfasizza li d-data personali tal-konsumaturi, bħal bażijiet ta' data għal skopijiet ta' reklamar immirat, tirrappreżenta valur ekonomiku sostanzjali li dwaru l-konsumaturi mhumiex konxji; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm grad ta' kompetizzjoni suffiċjenti fis-suq għar-reklamar onlajn u għall-magni ta' tfittxija;
16. Jitlob għall-protezzjoni tal-konsumatur ta' livell għoli madwar l-UE kollha sabiex tippermetti li jissaħħaħ aktar is-suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u biex jiġu miġġielda prattiċi protezzjonistiċi;
17. Ifakkar fl-effetti benefiċjarji multipli għall-konsumaturi Ewropej, bħal prezzijiet iktar baxxi u ġabra usa' ta' prodotti u servizzi provduti, li jinħolqu permezz ta' Suq Intern integrat bis-sħiħ;
18. Jitlob mekkaniżmi ta' riparazzjoni aċċessibbli u effettivi għall-konsumaturi Ewropej, peress li dawn huma essenzjali għat-tneħħija tal-ostakoli fis-suq intern, b'mod partikolari fir-rigward tal-kummerċ elettroniku, u biex il-Kummissjoni tressaq proposta jew aktar permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja biex tiżgura l-partiċipazzjoni adegwata tal-Parlament;
19. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura koordinazzjoni aħjar bejn il-politiki tagħha tal-konsumatur;

20. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni internazzjonali u l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi mhux membri tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni għall-konsumatur;
21. Jenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ għall-inklużjoni finanzjarja, pereżempju billi tiġi żgurata d-diversità tal-prodotti u l-projbizzjoni ta' deċiżjonijiet arbitrarji u diskriminazzjoni, iż-żieda tal-litteriżmu finanzjarju tal-konsumaturi, li jiġu informati dwar id-drittijiet tagħhom, u li jkun żgurat li jkollhom aċċess għal ambjent diġitali u għal servizzi bankarji bażiċi li jkunu regolati b'mod adegwat;
22. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti ħarsa lejn l-ostakli li fadal għall-mobilità tal-konsumaturi relatati mal-bdil ta' banek u biex tqis soluzzjonijiet biex dawn jitneħħew, bħall-ħolqien ta' sistema ta' portabilità tan-numru tal-kont bankarju li tapplika fl-UE kollha;
23. Jinnota l-importanza għall-konsumaturi b'aċċess għal kontijiet bankarji li jkun hemm tariffi bankarji trasparenti, ħinijiet iktar rapidi tat-tranżazzjonijiet u proċeduri eħfef biex iċaqilqu l-kontijiet bankarji;
24. Jinnota li madwar 30 miljun Ewropew ma għandhomx aċċess għal servizzi bankarji bażiċi u jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta, kif ħabbret li se tagħmel fl-Att tas-Suq Uniku u fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2011;
25. Jenfasizza l-importanza ta' trasponiment sħiħ u minnufih, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni kurrenti tal-UE u ta' dik nazzjonali, inkluż id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur;
26. Jilqa' l-ħidma kontinwa għall-iżvilupp ta' sistema Ewropea għar-riżoluzzjoni alternattiva ta' tilwim (ADR), bl-użu ta' sistemi nazzjonali u intraprenditorjali eżistenti sabiex jiġi kkombinat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur ma' kundizzjonijiet kummerċjali ġusti għall-intraprendituri;
27. Jitlob lill-Kummissjoni tislet mill-aħjar Prattiki mill-Istati Membri, bħall-mudell ta' ombudsman Nordiku u biex tikkunsidra li tagħti awtorità legali lin-netwerk Ewropew ta' Ċentri tal-Konsumatur fil-qasam tar-riżoluzzjoni tat-tilwim tal-konsumaturi;
28. Jemmen li tali sistema se ttejjeb s-suq uniku u se tagħti sistema ġusta ta' rimedju għall-konsumaturi f'tilwim transkonfinali, filwaqt li tibni l-fiduċja bejn il-konsumaturi u l-industrija, u tevita l-ispejjeż għolja tal-tilwimkemm għall-industrija kif ukoll għall-konsumaturi.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	11.10.2011						
Riżultat tal-votazzjoni finali	<table style="width: 100%; border-collapse: collapse;"> <tr> <td style="width: 60%;">+:</td> <td style="text-align: right;">36</td> </tr> <tr> <td>-:</td> <td style="text-align: right;">2</td> </tr> <tr> <td>0:</td> <td style="text-align: right;">0</td> </tr> </table>	+:	36	-:	2	0:	0
+:	36						
-:	2						
0:	0						
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Burkhard Balz, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Pascal Canfin, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Diogo Feio, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Othmar Karas, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Werner Langen, Astrid Lulling, Arlene McCarthy, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Kay Swinburne, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool						
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Băsescu, Sari Essayah, Ashley Fox, Sophia in 't Veld, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Sirpa Pietikäinen, Gianni Pittella						